MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 840/2013

**Saviour Fenech u Maria Fenech; u b'digriet tal-24 ta' Marzu 2014 l-atti ta' Saviour Fenech ġew trasfużi fl-isem l-istess Maria Fenech bħala l-eredi universali tiegħu *stante* li huwa miet fil-mori tal-kawża.**

**-vs-**

**Alfred Mifsud u Carmena Mifsud**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-3 ta' Settembru 2013 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

Illi l-esponenti jippossjedu flimkien mal-intimati parti mid-dritt ta' qbiela fuq ir-raba magħrufa bħala Ta' Għajn Rihana, Bidnija limiti Mosta u dana wara li il-qbiela ġiet trasferita minn fuq Gianni Sant għal fuq isimhom in kwantu l-esponenti Maria Fenech, mart Saviour Fenech, u l-intimata Carmen Mifsud, mart Alfred Mifsud, huma aħwa, ulied l-istess Gianni Sant. Kopji ta' żewġ riċevuti maħruġin mill-Uffiċju Konġunt huma annessi bħala Dok SF1 u Dok SF2.

Illi l-esponenti u l-intimati kienu ftehmu kif jaqsmu fiżikament ir-raba' in kwistjoni għall-ħabta tas-sena 1973 u peress illi l-porzjoni li misset lill-esponenti u li tinħadem minnhom ma tmissx ma' triq u ġiet interkjuża, l-intimati kienu ħallew passaġġ ta' *circa* ħames piedi (circa 150 centimetri) biex l-esponenti jkunu jistgħu jgħaddu bl-inġenji tar-raba' għall-porzjoni tagħhom u għal dan il-għan ukoll l-intimati kienu ukoll qalgħu ċawsla li kienet ta' ostakolu fl-istess passaġġ. Illi l-porzjoni relattiva li tinħadem mill-esponenti hija delinejata bl-aħmar fuq l-annessa pjanta Dok SF3 fejn hu markat ukoll il-passaġġ bl-aħdar.

Illi reċentement u senjatament għall-ħabta ta' bejn is-sitta (6) u l-għaxra (10) ta' Lulju 2013, l-intimati jew minn minnhom, mingħajr il-kunsens u approvazzjoni tal-esponenti, bnew ħajt baxx fil-parti tal-passaġġ li tiżbokka fit-triq biex b'hekk il-wisa' tal-passaġġ f'dik il-parti hija llum biss ta' tmenin ċentimetru (80 cm) dawl u għalhekk l-esponenti ma jistgħux jgħaddu iżjed bl-inġenji tar-raba'. Qegħdin jiġu esebiti erba' ritratti li juru l-ambjent u l-ħajt li nbena bħala Dokumenti SF4, SFS, SF6 u SF7.

Illi tali aġir da parti tal-intimati jikkostitwixxi spoll klandestin u vjolenti u minkejja li l-intimat Alfred Mifsud ġie interpellat fid-29

ta’ Lulju 2013 sabiex jirriprestina l-passaġġ għall-istat li kien qabel, huwa baqa’ inadempjenti. Kopja tal-ittra hija annessa bħala Dok SF8.

Għaldaqstant jgħidu l-intimati għaliex din l-Onorabbli Qorti m’għandhiex:

1. Tiddikjara li l-intimati kkommettew spoll klandestin u vjolenti fil-passaġġ li minnu għandhom dritt jgħaddu l-esponenti u tinsab fil-pussess tagħhom meta bnew l-ħajt li jirristrinġi l-aċċess għall-parti tal-għalqa maħduma minnhom.

2. Fit-tieni lok, tikkundanna lill-intimati sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss, jirriprestinaw l-passaġġ għall-istat li kien qabel u fin-nuqqas tawtoriżża lil-esponenti sabiex jagħmlu x-xogħlijiet neċessarji sabiex tali passaġġ jiġi riprestinat u dan għas-spejjeż tal-intimati taħt direzzjoni ta’ periti nominandi.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati jew minn minnhom inġunti minn issa in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-konvenuti fil-15 t’Ottubru 2013 fejn eċċepew:

Illi fl-ewwel lok, irid jingħad illi l-ħajt lamentat illum mibni aktar minn xahrejn qabel ma ġiet intavolata l-azzjoni odjerna;

Illi l-azzjoni kif esperita ma tistax tirnexxi *stante* illi r-rikorrenti fl-ebda istanza ma kellhom l-pussess rikjest sabiex tirnexxi l-azzjoni kif esperita *stante* li wisa' tal-passaġġ qatt ma kien ta' wisa' kif pretiż mir-rikorrenti;

Salv eccezzioniiiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Semgħet il-provi;

Rat l-atti proċesswali u l-verbal tas-seduta tad-29 ta' Mejju 2015 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza wara li l-Avukati rispettivi ippreżentaw in-noti ta' sottomissjonjiet tal-assistiti tagħhom.

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher ċar mir-rikors promotur din hija kawża ta' spoll. L-atturi qed jallegaw li dan l-ispoll sar għaliex il-konvenuti għalqulhom passaġġ li minnu kienu jgħaddu minn ġol-għalqa tagħhom; il-konvenuti qed iwieġbu għal din l-azzjoni billi jgħidu li l-ġebel imsemmi mill-atturi tqiegħed snin ilu u li l-atturi qatt ma kellhom il-pussess rikjest mill-liġi.

Kif hu magħruf huma tlieta l-elementi rikjesti biex azzjoni ta' spoll tirnexxi u dawn huma;

1. il-pussess – ***possidesse;***

2. l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-mohbi jew kontra l-volonta tal-attur – ***spoliatum fuisse;*** u

3. li l-azzjoni ssir fi żmien xahrejn minn meta jkun seħħ l-ispoll – ***infra bimestre deduxisse***.

Illi l-konvenuti qed jikkontestaw li l-attriċi ġiet spussessata għar-raġunijiet imsemmija aktar qabel fir risposti ġuramentati rispettivi tagħhom.

Fil-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Mejju 1956 fl-ismijiet **"Vincenzina Cassar et vs Annetto Xuereb Montebello"** ingħad illi:

*"Il-ġurisprudenza tat-Tribunali tagħna dejjem kienet kostanti fl-interpretazzjoni ta' dawn il-liġijiet fis-sens li l-azzjoni ta' spoll hija 'di ordine pubblico', unikament u esklussivament intiża biex timpedixxi li wieħed jagħmel ġustizzja b'idejh mingħajr l-intervent tat-tribunal ċivili u tipprevjeni l-konsegwenzi deplorevoli ta' aġir simili. Għalhekk il-liġi tivvjeta l-allegazzjoni ta' kwalsiasi eċċezzjoni li ma tkunx dilatorja kontra r-reintegrazzjoni u tiċċirkoskrivi l-eżami tal-Qorti għall-fatt biss tal-pussess u tal-ispoll denunzjat. Ir-reintegrazzjoni għandha dejjem tiġi ordnata mill-Qorti, kwantunkwe l-pussess jista' jkun vizzjat u min jikkommetti l-ispoll*

*ikun il-veru proprjetarju tal-ħaġa li minnha l-possessur tagħha jkun ġie spoljat."*

Illi f'din is-sentenza l-Qorti ċċitat sentenza riportata fil-**Volum XXXIII-ii-83** illi irriteniet *"che la reintegrazione dovra' essere dalla Corte ordinate, comunque viziato possa essere il possesso dell' attore, comunque il citato possa essere il vero propietario della cosa di cui l' attore avesse sofferto lo spoglio; sicche' l' indagine intormo alla legittimita' del possesso, da farsi in altra sede, tornerebbe oziosa in questo giudizio, ..."*

Illi fis-sentenza **"Delia vs Schembri"** (deċiża mill-Prim Awla fl-4 ta' Frar 1958) ġie ritenut illi:

*"L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipproteġi l-pussess, ikun x'ikun li jiġi vjolentement jew okkultament meħud mingħand il-possessur jew detentur, u ġie deċiż kemm-il darba li tapplika wkoll għat-tutela tal-kważi pussess tad-drittijiet legali, u hija inerenti għall-fatt ta' min b'awtorita' privata jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li għalkemm jista' jkollu dritt għalih ma jistax jeżerċitah mingħajr intervent tal-Qorti."*

Illi fi kliem **Pacifici Mazzoni** spoll vjolent huwa *"qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato"*. (Vol III Sez. 52).

Illi kif ukoll intqal fil-kawża **"Margherita Fenech vs Pawla Zammit"** deċiża fit-12 ta' April 1958:

*"L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esiġenzi ta' utilita' soċjali milli fuq il-prinċipju assolut ta' ġustizzja u hija eminentement intiża l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess, u jiġi impedut liċ-ċittadin privat li jieħu l-liġi f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak li jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat."*

Illi wieħed ukoll isib dikjarat illi:

*"Kif kellha okkażjoni tesprimi ruħha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indaġini li trid issir hija waħda limitatissima, rigoruża u skarna u ma tinsab f'ebda leġislazzjoni oħra, u kompliet tgħid illi għalhekk indaġinijiet ibbażati fuq x'jgħidu u ma jgħidux ġuristi u awturi Francizi u Taljani huwa għal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament ġuridiku tagħna* – Appell Ċivili – **"Cardona vs Tabone"** – deċiż fid-9 ta' Marzu 1992).

Illi biex wieħed ikollu idea ta' x'ġara li ta lok għall-kawża l-Qorti se tipproduci xi affidavits li ġew esebiti fil-kors tal-kawża;

Illi l-attriċi **Maria Fenech** a fol 26 fl-affidavit tagħha xehdet b'dan il-mod:

*1. Ngħid illi l-għalqa Ta' Għajn Rihana, il-Bidnija kienet bi qbiela għand missieri u jien kont minn dejjem immur fiha u kont ngħin il-missieri. F'Mejju tas-sena 1973 missieri kien dawwar il-qbiela fuq ir-raġel tiegħi Salvatore Fenech, illum mejjet, u fuq Alfred Mifsud li huwa miżżewweġ ma' oħti Carmela Mifsud, xebba Santo Minħabba f'hekk l-għalqa nqasmet bejnietna biex kull wieħed ikollu l-biċċa tiegħu li jaħdimha hu. Dan il-qsim sar bil-fomm biss u mhux bil-*

*miktub. Il-biċċa ta' barra pero' ma nqasmitx għax ma kienitx tinħadem u baqgħet komuni.*

2. *Il-biċċa li misset lili ma kienetx tmiss mat-triq u għalhekk konna ngħaddu mill-għalqa ta' taħt li misset liġ oħti u żewġha Alfred Mifsud. Konna ngħaddu bil-karozza fis-sajf biex nħottu u ngħabbu u fix-xitwa bir-riġel.*

3. *Wara xi żmien, Alfred Mifsud kien qata' siġra taċ-ċawsli u kien qalli li issa għamilt mogħdija biex tkun tistgħu tgħaddu bil-kumdita' mill-għalqa ta' fuq. Meta bdejna ngħaddu minn fejn kien hemm iċ-ċawsla kien hemm passaġġ ta' xi ħames piedi u għalhekk stajna ngħaddu bl-inġenji kollha tar-raba' , sajf u xitwa.*

4. *Konna ilna snin b'dan il-passaġġ u jiena kont imur spiss, circa ħames darbiet fil-ġimgħa fl-għalqa. Jiena niftakar illi meta nżilt il-Ħamis fil-11 ta' Lulju 2013 sibt li kien djieq il-passaġġ fil-parti komuni peress li kien hemm blata u ġebel tal-kantun fuq il-blata u jien fhimt li dana bnih Alfred Mifsud. Jiena għalhekk ċempilt lit-tifla Graziella (Perkins) u qattilha li Alfred Mifsud kien dejjaq il-passaġġ u kien ġie żewġ piedi u nofs mill-ħames piedi li kien hemm. Jiena xi jumejn wara ppruvajt inneħħi dan il-ħajt bir-rabja li kelli u qlibt xi biċċa minnu biex inkunu nistgħu ngħaddu.*

5. *Minħabba f'hekk illum il-ġurnata ma nistgħux ngħaddu bl-inġenji tar-raba'. Nistgħu ngħaddu bir-riġel biss. Aħna mbagħad kellimna avukat li kien kiteb ittra fid-29 ta' Lulju 2013 iżda kollox baqa' kif kien u kellha ssir din il-kawża."*

Illi bintha **Jeanette Fenech** qalet fl-affidavit tagħha xehdet hekk (fol 29):

1. *Ngħid illi fl-għalqa Ta' Għajn Rihana, il-Bidnija jiena kont immur minn meta kont żgħira. Kont ninżel ma' ommi. Għadni immur sal-lum għax jiena nħobb r-raba'.*

2. *Jiena l-passaġġ minn dejjem niftakru minn-naħa ta' fuq u kien passaġġ komdu minn fuq l-għalqa taz-ziju Alfred Mifsud peress illi l-għalqa li misset lil ommi ma tmissx mat-triq. Jiena ili żmien nuża l-mutur tal-ħart. Naħseb minn mindu kelli sittax-il sena. Ir-romblu tal-mutur kien ta' xi erba' piedi u nofs u kont ngħaddi komda.*

3. *Ngħid illi xi sentejn ilu aħna xtrajna tractor żgħir li tpoġġi fuqu għax kien juġagħni dari, u li għandu romblu daqs tal-mutur. Dana konna nużawh jiena u ħija Tonio biex naħartu r-raba' li għandna.*

4. *Ilu xi sena u nofs niftakar li kont inżilt fl-għalqa bit-tractor bid-demel u wara li dħalt minn fuq il-passaġġ jien ksirt ftit 'il barra mill-passaġġ u għaddejt minn fuq l-għalqa ta' Alfred Mifsud fejn ma kellu xejn miżrugħ. Huwa kien ġie fuqi u qalli biex ma ngħaddix iżjed minn hemm bit-tractor, jiġifieri minn fuq ir-raba' tiegħu. Il-kliem preċiż kien "Daqshekk għaddejtli minn hawn bit-tractor". Jiena bqajt fix-xhur ta' wara ngħaddi mill-passaġġ biss u qatt ma kellimni iżjed Alfred Mifsud.*

5. *Niftakar illi l-ahhar darba li dħalt bit-tractor kien fl-4 ta' Lulju 2013 għax wara l-passaġġ ingħalaq. Jiena naf li ngħalaq il-passaġġ għax inżilt fl-10 ta' Lulju 2013 u sibt il-ħajt tas-sejjiegħ. Dan il-ħajt kien mibni minn blata kbira, knaten u xi sejjiegħ.*

6. *Minħabba f'hekk illum-il ġurnata ma nistgħux ngħaddu bl-inġenji tar-raba' u l-għalqa baqgħet żdingata u mhux maħruta għax nistgħu ngħaddu bir-riġel biss.*

Illi wlied il-konvenuti **Jean Pierre u Joseph Mifsud** fix-xhieda tagħhom qalu:

*"Ngħid li jiena niġi t-tifel ta' Alfred Mifsud. Illum għandi 38 sena u ilni ninżel fir-raba' ta' missieri u naħdem ir-raba' miegħu minn mindu kont tfal, għalkemm bħalissa ma tantx niffrekwenta regolari.*

*Il-parti tal-passaġġ li fuqha hemm il-kwistjoni ma' l-atturi nafha sew u kull meta mmur fir-raba' dejjem ngħaddi minn hemm. Anzi ngħid li aħna Maria u Jeanette lkoll minn hemm ngħaddu. Maria u Jeanette jinżlu fir-raba'. Jiena lilhom biss nara.*

*Ngħid li l-problemi nqalgħu meta t-tifla ta' Maria, Jeanette Fenech kienet xtrat tractor sabiex tibda taħdem ir-raba'. Naf li dan it-tractor kien nxtara xi xhur qabel ma saret il-kawża.*

*Ngħid li Jeanette riedet tgħaddi mill-passaġġ imsemmi b'dan it-tractor, avolja kien jidher biċ-ċar li t-tractor ma kienx jgħaddi. Ngħid li sirt naf ukoll minn ċertu Frans li għandu r-raba' fil-viċin li meta Jeanette daħlet bit-tractor dan mar jaralha għaliex qallha li minn hemm ma tgħaddix u ser tkorri għaliex tinqaleb bih b'kollox fl-għalqa ta' taħt peress li hemm diżlivell.*

*Ngħid li għall-ħabta ta' Marzu – April tas-sena l-oħra 2013, meta mort fir-raba' rajt il-ħajt maqlugħ u l-ġebel fin-nofs u missieri u*

*ħuti kienu qaluli li daħlet Jeanette u qalbet il-ħajt. Naf li l-ħajt li semmejt inqala' xi tliet jew erba' darbiet jekk mhux iżjed u missieri dejjem jerġa' jibnih bħalma kien.*

*Naf li l-aħħar darba li twaqqa' dan il-ħajt kien f'Lulju tas-sena l-oħra (2013) u hemm missieri kien mar l-għassa u għamel rapport li kienu qed jifqgħulu l-bexx fuq is-siġar u jaqilbulu l-ħajt. Minn meta daħlu l-pulizija fil-biċċa Jeanette ma ppruvatx tidħol iżjed u ftit wara missieri kien irċieva l-kawża.*

*Ngħid li jiena niġi t-tifel ta' Alfred Mifsud. Illum għandi 48 sena u ilni ninżel fir-raba' ta' missieri u naħdem ir-raba' miegħu minn mindu kelli ħmistax-il sena.*

*Il-parti tal-passaġġ li fuqha hemm il-kwistjoni ma' l-atturi nafha sew u kull meta mmur fir-raba' dejjem ngħaddi minn hemm.*

*Dan il-passaġġ kien sar minn missieri li għandu r-raba' taħtu u quddiemu. Fil-post fejn hemm il-passaġġ kien hemm siġra kbira taċ-ċawsli u din kienet inqalet fil-bidu tas-snin tmenin u nfetaħ dan il-passaġġ. Dana il-passaġġ meta nfetaħ kellu wisa' ta' xi tlett piedi. Ngħid li kien sar dak il-qies sabiex inkunu nistgħu ngħaddu komdi bil-muturi tal-ħart. Muturi tal-ħart ikunu ta' ċirka dak id-daqs.*

*Ngħid li l-attriċi, Maria għandha raba' aktar 'il ġewwa minn ta' missieri.*

*Ngħid li qabel ma' missieri fetaħ dan il-passaġġ, kulħadd jien inkluż, missieri u anke Maria kienu jidżlu għar-raba' minn wara. Dana meta konna nidħlu biex naħartu. Ngħid li bir-riġel minn dejjem kien hemm passaġġ, aħna konna nidħlu minn passaġġ wieħed u Maria l-attriċi kienet tidħol minn passaġġ ieħor. Dawn il-passaġġi għadhom hemm sal-ġurnata tal-lum għalkemm ma jintużawx daqshekk.*

*Ngħid li meta missieri kien fetaħ dan il-passaġġ, Maria wkoll bdiet tużah għaliex ovvjament dan kien iżjed komdu. Dana ilha tużah minn meta sar kif fuq għidt. Ngħid li aħna ossija l-familja tiegħi ma kellna l-ebda oġġezzjoni li tuża dan il-passaġġ.*

*Ngħid li qatt ma kien hemm problemi bejnietna.*

*Ngħid li l-problemi nqalgħu meta t-tifla ta' Maria, Jeanette Fenech kienet xtrat tractor sabiex tibda taħdem ir-raba'. Naf li dan it-tractor kien nxtara xi xhur qabel ma saret il-kawża.*

*Ngħid li Jeanette riedet tgħaddi mill-passaġġ imsemmi b' dan it-tractor, avolja kien jidher biċ-ċar li t-tractor ma kienx jgħaddi.*

*Ngħid li bejn Marzu u April tas-sena l-ohra ossija 2013, mort l-għalqa u sibt il-ħajt maqlugħ. Ngħid li dan il-ħajt li jidher fir-ritratti esebiti mar-rikors kien fih xi tlett (3) filati, ossija l-istess għoli li jidher fir-ritratt.*

*Ngħid li kien hemm il-ġebel ta' dan il-ħajt fin-nofs kif ukoll fl-għalqa ta' taħt peress li hemm diżlivell.*

*Ngħid li meta staqsejt lil missieri x'kien ġara huwa qalli daħlet Jeanette bit-tractor u qalbet il-ħajt.*

*Naf li missieri reġa' bnih. Il-ħajt kellu l-pedamenti li għadhom jidhru sal-ġurnata tal-lum mirduma fil-ħamrija. Ngħid li l-ħajt inbena fuq l-istess pedamenti li kien hemm u b'hekk sikurament baqa tal-istess wisa'. Ftit wara reġgħet daħlet bit-tractor u reġgħet qalbet il-ħajt, u warrbet il-ġebel li kienet qalbet biex tkun tista' tidħol. Ngħid li missieri reġa' bnih.*

*Ngħid li wara reġgħet daħlet xi darbtejn oħra, kull darba taqleb il-ħajt u jew titfa' l-gebel fl-għalqa ta' isfel jew tħallih fin-nofs. Ngħid li ma daħlitx aktar minn erba' darbiet bit-tractor u kull darba qalbet il-ħajt. Fl-aħħar għall-ħabta ta' Lulju tas-sena l-oħra (2013) kien l-aħħar darba li daħlet u reġgħet qalbet il-ħajt. Ovvjament missieri ddejjaq u mar l-għassa tal-Pulizija tal-Mosta jagħmel rapport. Ngħid li kien hemm xi darbtejn ukoll meta Jeanette qalbet il-ħajt ukoll b'vendikazzjoni u ħalliet il-ġebel fin-nofs.*

*Ngħid li kienu kellmuha l-pulizija u ftit wara missieri rċieva l-kawża.*

*Ngħid li aħna għadna nidlu sa issa biex naħartu mill-passaġġ. Kieku l-passaġġ djieq lanqas aħna ma nidħlu."*

Illi l-Qorti wara li semgħet ix-xhieda kollha kompriżi l-kontro-eżamijiet hija konvinta li sal-2011 ma kien hemm ebda nkwiet bejn il-partijiet iżda f'dik is-sena l-atturi xtraw *'tractor'* ftit akbar mill-mutur tal-ħart li kien jintuża sa dakinhar. Biex l-atturi bdew jidħlu

fl-għalqa bih kellhom diffikulta jgħaddu għaliex il-wisa' ma kienx jippermetti dan. Il-Qorti għalhekk temmen lill-konvenuti meta qalu li biex dan isir l-atturi kellhom iwaqqgħu l-ħajt regolarment għaliex jolqtuh u l-konvenuti jerġgħu jtellgħuh. Fl-2013 pero' u ċjoe' f'Lulju ta' dik is sena, il-konvenut għamluh bil-konkos bir-riżultat li l-atturi ma setgħux jgħaddu aktar, u dan naqqas sostanzjalment il-wisa' oriġinali tiegħu. Il-fetħa ma kinitx ta' ħames piedi kif qed jallegaw l-atturi; xhud prodott minnhom stess qal li l-*tractor* huwa wiesa' <u>erba' piedi u nofs</u> u għalhekk filwaqt li l-konvenuti ma kellhomx dritt jagħlquh kif għamlu lanqas huma ma jistgħux japprofittaw ruħhom mill-kawża u jitolbu li jsir ta' ħames piedi għaliex il-Qorti konvinta li dan qatt ma kellu dik il-wisa' iżda ta' *circa* 4 piedi u nofs, tant li kienu jgħaddu bit-*tractor* billi jolqtu l-ġebel. Dwar dan il-punt il-Qorti se tieħu konsidarazzjoni fil-kap tal-ispejjeż.

Illi qabel tgħaddi għall-parti dispożittiva tagħha l-Qorti se tittratta xi punti legali li qamu fil-kors tal-kawża.

Illi l-konvenuti sostnew fin-nota tagħhom illi l-atturi kienu jgawdu l-passaġġ b'mera tolleranza. Fuq dan l-aspett u ċjoe' l-kwistjoni ta' jekk min jippossjedi b'tolleranza jistax jipproċedi *ai termini* tal-artikolu 535 jidher li ilha li ġiet deċiża fin-negattiv. Oriġinarjament il-kwistjoni nqalgħet minħabba l-fatt li kif ġja' ssemma, l-artikolu msemmi meta jitkellem fuq pussess jgħid li dan jista jkun *'ta' liema xorta jkun'.* Madankollu numru ta' sentenzi rritenew li *atti ta' mera tollerenza ma jistgħux iservu ta' fondament għall-akkwist tal-pussess.* (**"Antonio Pace vs Antonio Cilia"** deċiża mill-Prim Awla fis-26 ta' Ġunju 1965); din is-sentenza tiċċita wkoll is-sentenzi riportati fil-volumi **XXIV-i-451, XXXIII-i-173 u XXXVII-ii-642** kif ukoll il-Kassazzjoni ta' Ruma u Turin f'żewġ ġudizzji separati, u ċjoe' rispettivament waħda tat-**23 ta' Ġunju 1905** fejn intqal illi *"non e' possesso giuiridicament reintegrabile quello che*

*emana da una semplice concessione dell' propietario";* u oħra tas-**27 ta' Diċembru 1907** fejn intqal illi *"Non ricorre quell possesso di fatto che da' diritto alla prrotezione mediante l' azione di reintegra ogni qual volta il preteso spogliato abba il godimento basato sulla semplice tollerenza del preteso spogliatore."*

Illi din is-sentenza (**"Pace vs Cilia"**) tkompli tgħid li:

*"Dana l-prinċipju jemana mid-dispożizzjoni tal-artikolu 563* (illum 526) *tal-Kodiċi Ċivili li jgħid li l-atti li huma biss fakoltattivi jew li jitħallew li jsiru biss bil-bona grazzja ma jistgħux jiswew ta' bażi għall-ksib tal-pussess. Il-leġislatur kien qiegħed deliberatament jirreferi għal kwalunkwe pussess u mhux għal pussess leġittimu, meta qal li l-attijiet ta' tollerenza ma joħolqux il-pussess. Sir Adrian Dingli fin-notamenti tiegħu għall-artikolu in kwistjoni (allura numru 221 tal-Ordinanza VII tal-1868 kien osserva 'ho soppresso la parola 'legittimo' perche' secondo la mia definizione questi atti non danno luogo ad alcun possesso propriamente ditto".*

Illi madankollu f'dan il-każ il-Qorti ma taqbilx li l-atturi kienu jużaw dan il-passaġġ b'tolleranza iżda pjuttost fl-ambitu ta' obbligazzjonijiet bejn gabilotti għaliex huwa fatt li l-Qrati tagħna jirrikonoxxu illi anke bejn il-gabillotti għandhom ikunu rikonoxxuti drittijiet u obbliġi normalment applikabbli bejn is-sidien biex ikun aċċertat konvivenza ċivili bejniethom – kif huwa spjegat mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-1958 fil-kawża fl-ismijiet **"Bartolo vs Vella"**. Dan għalkemm strettament wieħed ma jistax jitkellem fuq servitu' *'ut sic'* għaliex il-partijiet mhumiex proprjetarji tal-għelieqi rispettivi li jaħdmu.

Illi hemm imbagħad il-kwistjoni ta' jekk il-mod kif irreaġixxew il-konvenuti dan għamluh biex ipattu għall-ispoll kommess mill-istess atturi u allura f'każ bħal dan japplika l-prinċipju ***'vim vi ripellere licet'****;* fuq dan l-aspett, il-Qorti tal-Appell fil-kawża **"Camilleri vs Bonello** (deċiża fil-5 t'Ottubru 1998) iċċitat sentenza antika (**Vol XXIV pt 1 paġna 281**) illi rriteniet:

*"Dell' altro canto chi rimuove ostacoli trovati el passaggio alle proprie terre per apririvi l' accesso che prima possedeva non fa' atto violento, ne' commette spoglio, ne' si fa' giustizia da se ma esercita il su diritto entro i limiti del suo possesso, o meglio, afferma e continua il proprio possesso di cui era in godimento legittimo che fu turbato da chi ha posto quegli ostacoli."*

Illi l-Qorti mbagħad qalet li dan naturalment japplika *a contrario senso.* Din il-Qorti tħoss li pero' dan ma japplikax għall-każ in eżami għaliex indubbjament il-konvenuti ċekknu l-passaġġ minn kif kien qabel ikkommettew l-ispoll. Kif wieħed jara mis-sentenza **"Camilleri vs Bartolo"**, biex din id-difiża tirnexxi l-konvenut irid jirripristina l-pussess kif kien u mhux iċekken tal-avversarju biex ikabbar tiegħu.

Illi finalment dawn l-eċċezzjoni li l-ispoll ġie kommess aktar minn xahrejn qabel, din ma treġix għaliex ma hemmx dubju li l-ispoll ġie kommess f'Lulju 2013 meta l-konvenuti rreaġixxew għall-aħħar darba billi poġġew il-konkos u allura l-atturi ma setgħux jgħaddu aktar mill-passaġġ.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet attriċi b'dan li l-**

**passaġġ irid jiġi riprestinat għall-wisgħa ta' erba' piedi u nofs; ix-xogħol għandu jsir fi żmien xahar taħt is-superviżjoni tal-A.I.C. Valerio Schembri li qed jiġi nominat għal dan l-iskop, u l-atturi jkunu awtorizzati jagħmluh huma a spejjeż tal-konvenuti jekk l-imsemmi xogħol ma jsirx fiż-żmien prefiss.**

**L-ispejjeż tal-kawża in vista tal-premess għandhom pero' jinqasmu bejn il-partijiet f'ishma ndaqs.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------